MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2004

Numru 511/2003

Il-Pulizija
(Sp Nadia Lanzon)
vs
John Sultana, iben Richard,
imwieled Santa Venera fit-13
ta' ġunju, 1951

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-17 ta' jannar, 2003 bejn l-10.15 p.m. u l-10.30 p.m. ġewwa Dawret il-Qalb Imqaddsa, Birżebbuġia waqt li kien qed isuq il-vettura tiegħu tal-għamla Mercedes, bin-numru tar-reġistrazzjoni BAV 064, sabiex iwassal lil Maria Dolores Friggieri d-dar tagħha ġewwa Birżebbuġia kkaġuna volontarjament offiżi ta' natura gravi per durata fuq l-istess persuna ta' Maria Dolores Friġġieri skkond kif iċċertifika Dr. A. Fiorini taċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid;

2. talli fl-istess data, lok u ħin saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni BAV 064 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kondizzjoni li jsuq minħabba xorb jew droga;
3. talli fl-istess ċirkostanżi naqas jew irrifjuta milli jagħti kampjun tan-nifs skond il-liġi;
4. talli l-istess John Sultana hu reċidiv skond sentenza tat-30 ta' novembru, 2001 liema sentenza hi definittiva.
Il-Qorti ġiet mitluba li tapplika l-artikolu 15H tal-Kapitolu 65 tal-liġijiet ta' Malta u li jiġi skwlifikat mill-liċenzja tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta' mhux inqas minn sitt xhur.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet ix-xhieda ta' Maria Dolores Friggieri li ddikjarat li trid tirtira l-kwerela kontra l-imputat.

Rat illi l-istess Maria Dolores Friggieri sofriet ferita ta' natura ħafifa.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' jannar, 2004 fejn l-imputat ammetta t-tieni, it-tielet u ir-raba' akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, tiddikjara l-proċediment eżawrit għal dak li jirrigwarda l-ewwel akkuża miġjuba kontra l-imputat. Issibu ħati tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 15A, 15E(4) u 15Ħ tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' tlett mitt lira maltin (Lm300).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------